MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Rikors Numru. 15/2007/3

Loreto u Antonia konjugi Xuereb

Vs

Paul Axiak

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat fis-6 ta’ Marzu 2009 li permezz tieghu Paul Axiak qieghed jitlob ir-revoka tal-mandat kawtelatorju numru 15/2007 mahrug fl-1 ta’ Frar 2007.

Rat ir-risposta prezentata fit-13 ta’ Marzu 2009 mill-konjugi Xuereb.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri fis-seduti tat-13 ta’ Marzu 2009.

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent Axiak qieghed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 15/2007 peress li qieghed joffri garanzija bankarja ghas-somma ta' €16,433.73. Il-mandat ta' sekwestru nhareg fis-27 ta' Frar 2007 ghas-somma ta' €16,305.63 u l-kawzali giet dikjarata li hi: ***"ammont dovut bhala kera tal-hanut bl-isem Al Porto, fl-Imgarr, Ghawdex."***.

Min-naha tieghu r-rikorrent qieghed jorbot il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni mal-kawza fl-ismijiet **Jonathan Xuereb vs Paul Axiaq** (Avviz: 7/2007), fejn l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' €6,988.12, *"....bhala bilanc minn somma akbar dovuta minnek ai termini ta' ftehim li sar fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005)."*. Dan m'huwiex minnu in kwantu l-mandat kawelatorju gie mahrug fuq talba ta' Loreto u Antonia konjugi Xuereb u mhux ta' Jonathan Xuereb.

Fil-21 ta' Mejju 2007 giet prezentata l-kawza fl-ismijiet **Loretu Xuereb vs Paul Axiak** (Cit. nru: 56/2007) fejn fit-tieni talba l-atturi talbu li l-qorti ***"Tordna lill-konvenut ihallas l-istess kera kif dovuta lill-esponenti konjugi Xuereb."***. Permezz ta' sentenza li nghatat fis-27 ta' Gunju 2007, il-qorti laqghet it-talbiet ta' l-intimati konjugi Xuereb. Fir-risposta taghhom, l-intimati konjugi Xuereb qeghdin isostnu li l-mandat ta' sekwestru hu marbut ma' dawn il-proceduri u qeghdin jippretendu hlas ta' €22,990.92. Fis-sentenza l-qorti kienet iddikjarat li r-rikorrent ma hallasx il-kera dovut *"...b'effett minn Settembru 2006, sad-data tal-prezentata ta' l-istess rikors."*[1].

Il-qorti taqbel mat-tezi tal-intimati Xuereb li l-mandat ta' sekwestru numru 15/2007 hu marbut mal-kawza **Loretu Xuereb vs Paul Axiak** (Cit. nru: 56/2007), li llum hi *res judicata*. Ghalhekk fic-cirkostanzi ma jidhirx li hemm lok ta' xi ghoti ta' garanzija bankarja.

Min-naha l-ohra pero, din il-procedura kienet ghal kollox bla bzonn in kwantu hu evidenti li l-konjugi Xuereb ma

[1] 21 ta' Mejju 2007.

pprezentawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi (20 gurnata) mid-data tal-hrug tal-mandat ta' sekwestru (27 ta' Frar 2007)[2] u ghalhekk ir-rikorrent seta' facilment ipproceda sabiex jitlob hrug ta' kontromandat ghar-raguni li l-mandat tilef l-effetti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-qorti filwaqt li tichad it-talba tar-rikorrent ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru ghar-raguni li fuqha giet bazata t-talba, tordna r-revoka tal-mandat ghar-raguni kontemplata fl-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap. 12. Ordni li qeghda tinghata ghal fini ta' pratticita' in kwantu jirrizulta li mill-ahhar differiment l-konjugi Xuereb ipprezentaw mandat ta' sekwestru ezekuttiv.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Artikolu 843 tal-Kap. 12.